MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 218/2003

**Anton Cachia**

**vs**

**Edwin Formosa**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa, b'citazzjoni quddiem dina l-Qorti numru 416/94 fl-ismijiet "Anton Cachia versus Godwin Formosa" wara li ppremetta illi hu kien gie kommissjonat mill-konvenut biex jaghmillu xoghol ta' ghamara u aperturi fid-dar tieghu, u li ta' dan ix-xoghol l-konvenut baqghalu jhallas is-somma ta' elf, hames mija u hamsa u tletin lira Maltija, u li nonostante li gie interpellat ihallas anke ufficjalment, il-

konvenut baqa’ inadempjenti, talab illi dina l-Qorti (1) tghaddi biex tiddeciedi skond it-talba ta’ l-attur bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta; l-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili, u b’hekk (2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1535, bilanc ta’ ammont akbar, prezz ta’ xoghol ta’ ghamara maghmul fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut, - bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Novembru, 1993, kontra l-konvenut,

Illi l-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjes peress illi x-xoghol miftieghem ta’ injam ma tlestiex fiz-zmien miftiehem, huwa difetus u mhux skond is-sengha, u l-prezz ma kienx dak pretiz mill-attur,

Illi b’sentenza tat-28 ta’ Frar, 2001, il-Qorti ddecidiet billi tilqa t-talba ta’ l-attur limitatament ghas-somma ta’ tmien mija hamsa u sebghin lira maltija (Lm875), u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, bl-imghax kif mitlub, spejjes 1/3 ghall-attur u 2/3 ghal konvenut.

Illi rrizulta illi l-konvenut ma’ jismux ‘Godwin’ izda ‘Edwin’.

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi l-ghala (1) l-isem tal-konvenut fic-citazzjoni fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti, komprizi s-sentenza fuq imsemmija moghtija minn din il-Qorti ma ghandhomx jigu korretti billi jigi imhassar l-isem ‘Godwin’ u jigi sostitwit bl-isem ‘Edwin’

Bl-ispejjes kontra l-konvenut, li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament ghandu jigi precizat li l-attur gia’ vventila pretenzjoni identika quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’avviz numru 1008/01 MM fl-istess ismijiet

(Dok.X) u din il-kawza giet deciza fil-mertu b'sentenza moghtija mill-istess Qorti fil-2 ta' Dicembru, 2002 liema sentenza ghaddiet in gudikat.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-pretensjonijiet tal-attur m'ghandhom ebda fondament guridiku u huma legalment insostenibbli stante li ai termini tal-artiklu 175(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili korrezzjoni ta' att gudizzjarju bil-miktub, bhal citazzjoni tista' ssir mhux aktar tard mid-data tal-prolazzjoni tas-sentenza mentri f'dan il-kaz il-kawza fl-ismijiet "Anton Cachia vs Godwin Formosa" (Citazzjoni numru 416/94) mhux biss giet deciza izda sahansitra ghaddiet in gudikat. Konsegwentement it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni riferita m'ghandha ebda bazi legali u hija insostenibbli in kwantu li mhux permessa mill-ligi f'dana l-istdju.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti in partikolari il-kopji formali tas-sentenzi indikati fic-citazzjoni u fin-nota ta' eccezzjonijiet u cioe' dik ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-28 ta' Frar 2001 u dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru 2002.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Fil-presenti citazzjoni l-attur jaghmel referenza ghs-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-28 ta'Frar 2001 fil-kawza fl-ismiet "Anton Cachia vs Godwin Formosa" fejn il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija hamsa u sebghin lira maltija (Lm875) bl-imghax kif mitlub u inoltre gie ordnat li l-ispejjes jithallsu kwantu ghal 1/3 mill-attur u 2/3 mill-konvenut. L-attur ikompli jsostni li sussegwentement irrizulta li l-konvenut fl-imsemmija kawza precedenti ma' jismux 'Godwin' izda 'Edwin' u ghal dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob li jigi korrett l-isem tal-konvenut fl-imsemmija citazzjoni l-ohra precedenti u fl-atti

l-ohra kollha relattivi u sussegwenti, kompriza l-imsemmija sentenza u dan billi jigi imhassar l-isem “Godwin” u jigi sostitwit bl-isem “Edwin.”

Ghal din it-talba l-konvenut jissottometti li dawn l-istess pretensjonijiet tal-attur kif kontenuti fil-presenti citazzjojni gia gew ventilati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li ddecidiet fil-mertu b’sentenza moghtija fit-2 ta’ Dicembru, 2002. Inoltre eccepixxa li t-talba tal-attur m’ghandha ebda basi fil-ligi billi l-artikolu 175(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili jipprovdi li korrezzjoni ta’ att gudizzjarju bil-miktub tista’ ssir mhux aktar tard mid-data tal-prolazzjoni tas-sentenza mentri hawnhekk is-sentenza precedenti giet deciza u ghaddiet in gudikat. Ghalhekk skond il-konvenut it-talba attrici m’ghandha ebda bazi legali u hija insostenibbli peress li mhux permessa korrezzjoni f’dan l-istdaju.
Jirrizulta li in effett l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta’ Diċembru 2002 ma ddecidietx il-kawza fil-meritu izda gie dikjarat li dik il-Qorti mhux kompetenti ‘rationae materiae’ stante illi hi ma setghetx tikkorregi atti ta’ Qorti ohra. Ghalhekk it-talbiet relattivi gew miċħuda minħabba nuqqas ta’ kompetenza u mhux minħabba li t-talbiet ma setghux jigu akkolti għal xi raġuni jew ohra. Inoltre l-artikolu 175(1) tal-Kap.12, li gie citat mill-konvenut, jirregola korrezzjonijiet li jistghu isiru biss f’kull waqt tal-kawża u qabel ma tinghata s-sentenza. Hawnekk il-korrezzjoni qed tintalab wara li l-kawza giet deciza u kwindi l-provedimenti ta’ dan l-artikolu zgur li mhux applikabbli ghal presenti proceduri.

Is-sentenza precedenti in kwestjoni nghatat minn din il-Qorti diversament presjeduta u kwindi hi din il-Qorti li hi kompetenti biex tittratta u tiddeciedi t-talbiet odjerni u, jekk ikun il-każ, tordna korrezzjoni fl-atti tal-kawza precedenti. Fis-sentenza precedenti l-konvenut jidher bħala “Godwin” minflok “Edwin.” Hu evidenti li dan hu żball kjarament li jista jissejjah “lapsus calami” u hu zball manifest u evidenti fuq il-wicc tal-atti. Jidher ukoll li l-konvenut ikkontesta t-talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni precedenti pero’ ma ssollevax eccezzjonijiet rigwardanti l-fatt li hu ma kienx jismu “Godwin” iżda “Edwin.” F’dawn il-proceduri ma saret

ebda kontestazzjoni dwar l-identita' tal-persuna. In effett il-varjazjoni jew korrezzjoni mitluba hawnhekk hi waħda sempliċement ta' kif jissejjaħ il-konvenut.

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru, 1959 fil-kawza fl-ismijiet "Salvino Schembri et. vs. Joseph Grixti et" qalet li indubbjament il-ligi taghna kif ukoll il-ligijiet kontinentali u d-dottrina taghhom jippermettu l-korrezzjonijiet ta' zball materjali fuq l-awtorita' tad-dritt Ruman. Hemm diversi sentenzi lokali ohra li jaqblu ma dan il-principju. Hu evidenti li l-korrezzjoni li qed tintalab hawnhekk tirreferi ghall-zball involontarju u zball tal-pinna. Korrezzjoni bhal din ghanda tigi ammessa jew tasal li tkun ammessa purche' ma jkunx ser jinbidel kompletament il-provvediment moghti fis-sentenza in kwestjoni cioe' fejn hemm l-izball..

Il-proceduri b'citazzjoni adottata, f'dawn il-proceduri, mill-atturi ghall-korrezzjoni ghad li mhux espressament kontemplata mil-ligi, mhix ripunjanti jew kontrastanti ma' ebda dispozizzjoni espressa tal-ligi, u hi perfettament konsistenti mal-principji generali tad-Dritt. Fil-fatt f'"Zahra et vs. Shalley" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Frar 1986 (Vol.XV, p408), fejn zball gie korrett u l-izball kien ittiehed fl-isem tal-konvenut fic-citazzjoni u perpetwa fis-sentenza u fl-atti ohra ta' dik il-kawza. Il-kwistjoni ta' korrezzjoni ta' zbalji ta' pinna u dicitura kienet giet anki qabel ezaminata u deciza f'sens konformi ghall-procedura segwita fil-kaz prezenti fil-kawza "Dimech vs. Agius et." deciza mill-istess Qorti fis-16 ta' Dicembru 1870 (Vol VI, p.276).

Fid-dawl tal-premess it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet attriċi u tordna l-korrezzjoni tas-sentenza fl-ismijiet "Anton Cachia vs Godwin Formosa" moghtija fit-28 ta' Frar 2001 minn dina

l-Qorti diversament presjeduta u fl-atti l-ohra kollha sussegwenti u relatati billi jiġi korrett isem il-konvenut billi jithassar l-isem “Godwin” u jigi sostitwit bl-isem “Edwin” u dana kull fejn jirrikorri.

In vista tac-cirkostanzi partikolari l-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------